# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tas-26 ta' Mejju 2016

**Appell Nru: 512/2014**

**Il-Pulizja**

**(Spettur Arthur Mercieca)**

**Vs**

**Hamza Kamel El Bakoush**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Hamza Kamel El Bakoush detentur tal-passaport Libjan bin-numru 483423, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli matul ix- xahar ta' Mejju f' dawn il- Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l- istess disposizzjoni tal- ligi u jkunu gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

1) Fil- lejl ta' bejn it- 22 u t- 23 ta' Mejju 2014 ghal habta tas-12.45 minn residenza gewwa San Giljan, ikkommetta serq ta' mobile phone ghad- dannu ta' Joanna Camilleri u/ jew persuni ohra liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bil- lok;

2) Aktar talli nhar it- 23 ta' Mejju 2014 gewwa San Giljan ghal habta tal- 5.00am, ikkommetta serq ta' mowbajl u oggetti ohra ghad- dannu ta' Sierra Gonzalez liema serq hu kkwalfikat bil- hin, valur u bi vjolenza;

3) Aktar talli nhar it- 23 ta' Mejju 2014 gewwa San Giljan ghal habta tal- 5.00am, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' Sierra Gonzalez skont ma ccertifika Dr Paul Mangion MD Reg 1774 mill- poliklinika tal- Gzira;

4) Aktar talli nhar it- 23 ta' Mejju 2014 gewwa San Giljan ghal habta tal- 5.00am, ikkommetta serq ta' kartiera u flus kontanti ghad- dannu ta' Godwin Cauchi liema serq hu kkwalifikat bil- hin valur u vjolenza;

5) Aktar talli nhar it- 23 ta' Mejju 2014 gewwa San giljan ghal habta tal- 5.00am, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Godwin Cauchi skont ma ccertifika Dr Mark Biancardi MD mill- isptar Mater Dei;

6) Aktar talli fit- 28 ta' Mejju 2014 ghal habta tas- 2.30am gewwa San Giljan, ikkommetta serq ta' baskett ghad- dannu ta' Valeria Benigno liema serq hu kkwalifikat bil- hin;

7) Aktar talli matul dan l- ahhar gimghat xjentement, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, li kienu misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b' kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

8) Aktar talli fit- 28 ta' Mejju 2014 ghal habta tas- 2.30am gewwa San Giljan attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC 450 Christopher Bartolo, u PC 1388 Ryan Pisani u/ jew xi ufficjali ohra tal- Pulizija, persuni inkarigati skont il- ligi minn servizz pubbliku, fil- waqt li kienu jagixxu ghall- esekuzzjoni tal- ligi jew ta' ordni moghti skont il- ligi mill- awtorita' kompetenti;

9) Aktar talli fit- 28 ta' Mejju 2014 ghal habta tas- 2.30am gewwa San Giljan ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il- persuna ta' PC 450 Christopher Bartolo skont ma ccertifika Dr Noel Camilleri MD 2242 mill- isptar Mater Dei;

10) Naqas milli jhares xi wahda, jew aktar minn wahda, mill- kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal- Qorti (Magistrat Dr C. Peralta LL.D) datata 28 ta' 2014, li permezz tieghu huwa inghata l- helsien mill- arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-20 ta' Novembru, 2014, li biha, wara li rat l-artikoli 261, 263, 269, 270, 267, 262, 221, 214, 216, 334, 96, 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati u kkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ghal-zmien erba (4) snin u sitt (6) xhur;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Dicembru, 2014 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogħġobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, tghaddi sabiex tiddisponi minn dan il-kaz skond il-Ligi u fl-ahjar interess tal-gustizzja.

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-Avukat Generali appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati mertu ta' dan l-appell fuq il-gravami principali li l-Ewwel Qorti erogat il-piena zbaljata meta, ghal dak li jirrigwarda r-reat kontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali, naqset milli tinfliggi l-piena tal-multa. Inoltre, l-Avukat Generali jargumenta illi kien hemm enuncazzjoni zbaljata tal-ligi meta l-Ewwel Qorti ddikjarat fis-sentenza taghha li kien intlahaq ftehim bejn l-Avukat Generali, l-Prosekuzzjoni u d-Difiza dwar il-piena applikabbli. L-Avukat Generali ghalhekk talab it-tahsir u r-revoka tas-sentenza appellata;

2. Kontra l-imputat kienu dedotti diversi imputazzjonijiet fosthom ta' serq aggravat u feriti gravi w attakka jew resistenza bi vjolenza kontra ufficcjali pubblici. Wara diversi seduti li fihom kienu qed jingabru provi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu w inghatat sentenza b'piena komplessiva ta' terminu ta' prigunerija ta' erba' (4) snin u sitt (6) xhur. L-Avukat Generali jilmenta mill-fatt illi l-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, wiehed mill-artikoli tal-ligi li dwarhom instab hati l-appellant, jirraviza piena ta' prigunerija flimkien ma' dik tal-multa u ghalhekk ma setghetx l-Ewwel Qorti tinfliggi biss piena ta' prigunerija;

3. L-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 jipprovdi hekk: *"Kull min jattakka jew jaghmel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xort li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti, jehel, meta jinsab hati – (a) jekk l-attakk jew ir-rezistenza jsiru minn wiehed jew tnejn min-nies, il-piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa sentejn u ghal multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (€4,000) u mhux izjed minn ghaxart elef euro (€10,000).* Issa, l-Avukat Generali jargumenta illi l-Ewwel Qorti ma setghetx tikkundanna lill-appellant biss ghal-terminu ta' prigunerija izda kellha timponi sia terminu ta' prigunerija kif ukoll il-multa fl-ammonti preskritti mil-ligi. L-Avukat Generali ghandu ragun dwar dan <u>izda</u> t-talba tieghu mhix wahda ghal-varjazzjoni tas-sentenza izda ghat-thassir taghha. Dan wahdu ma jirrendix is-sentenza soggetta ghat-thassir izda biss li tkun varjata f'dak li jirrigwarda l-piena. Ir-raguni ghaliex l-Avukat Generali ghamel talba ghat-tahsir tas-sentenza jidher li hija abbinata mat-tieni aggravju tieghu kif ser isegwi;

4. Fit-tieni aggravju tieghu, l-Avukat Generali jargumenta illi fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti indikat illi l-prosekuzzjoni u d-difiza, flimkien mal-Avukat Generali, kienu lahqu ftehim fuq piena f'kaz ta' ammissjoni tal-imputat (ara t-tielet faccata tas-sentenza, fol 82 tal-process). L-istess Avukat Generali jilmenta li dan mkien ma jirrizulta mill-atti. Jibda biex jinghad illi s-

sentenza appellata donnu tirreferi ghal-patteggjament bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza. L-Avukat Generali izda jallontana ruhu minn dan kollu meta jghid li qatt ma kien parti minn tali patteggjament anke ghaliex se mai dan setgha jsir biss fit-termini tal-procedura u mhux kif jidher li sar. Ezaminati l-atti, hemm referenza ghal xi forma ta' patteggjament, jekk hekk jista' jisejjah, fil-verbal tas-seduta tal-20 ta' Novembru 2014 fejn hemm mnizzel hekk: *"Il-partijiet jinfurmaw lill-Qorti li l-piena minima indikata mill-Avukat Generali kienet ta' 52 dahar [recte: xahar] ghalhekk l-Uffical Prosekutur talab lill-Qorti sabiex il-piena tkun ftit itwal minn dik indikata"*. Issa, dan qatt ma seta' jiftiehem li hu xi forma ta' patteggjament ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok, patteggjament quddiem il-Qorti tal-Magistrati jista' jsir <u>biss</u> bil-procedura indikata fl-artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali: *"Fi kwalunkwe stadju tal-proceduri, l-imputat u l-Avukat Generali jistghu jilhqu ftehim u jitolbu lill-qorti permezz ta' rikors, sabiex fil-kaz li l-imputat jiddikjara ruhu hati, il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' gudikatura kriminali tapplika dik is-sanzjoni jew mizura jew, meta jkun hekk provdut bil-ligi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew mizuri, tax-xorta u l-kwantita' miftiehma bejniethom u li dwarhom l-imputat ikun jista' jinghata sentenza meta jinstab hati ghar-reat jew ir-reati li jigi akkuzat bihom"*. Dan l-artikolu tal-ligi kien introdott fil-Kodici Kriminali bis-sahha tal-Att IV tal-2014 tat-13 ta' Marzu 2014 u jidher li dahal fis-sehh immedjatament. Is-sentenza appellata inghatat fl-20 ta' Novembru 2014 u ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt tqis dak l-arrangament bhala patteggjament. Qabel din l-emenda, l-Qrati taghna kienu jirrikonoxxu dak hekk imsejjah patteggjament informali (ara per ezemplari is-sentenza Il-Pulizija vs Adil Hassan Mohammed – App Krim 13.2.2012 fost ohrajn). Dan l-artikolu jahseb ghal-tali formalita' li biha l-Qorti tkun marbuta li teroga l-piena maqbula u b'hekk ikunu evitati s-sorprizi fil-piena li fil-passat taw lok ghall-appelli in rigward meta inghata piena aktar minn dak "maqbul";

5. Minkejja li l-Ewwel Qorti ma setghetx tqis il-"ftehim" bejn il-partijiet bhala wiehed ta' patteggjament hija indikat fis-sentenza taghha illi: *"Rat id-disposizzjonjiet tal-Artikolu 392A(5) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta"*. Dana

mghandux wahdu jiftiehem illi l-qorti kienet marbuta b'xi forma ta' patteggjament anke ghaliex meta erogat il-piena l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal-terminu ta' prigunerija aktar minn dak li l-qorti stess ivverbalizzat li l-Avukat Generali kien indika bhala l-minimu. Meta jkun hemm patteggjament ex artikolu 392A(5), *stricto jure* l-qorti ghandha imbaghad tipprocedi kif jitolbu s-subartikoli (6) u (7) bid-dikjarazzjonijiet hemm ravvizati. Il-fatt illi l-Ewwel Qorti erogat piena diversa ifisser illi ma kienetx qed izzomm mal-"ftehim" milhuq. Il-piena imbaghad ma setghetx kienet wahda diversa li kieku kien hemm patteggjament fit-termini tal-artikolu 392A(5). Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalhekk, meta l-Ewwel Qorti ddikjarat li rat l-artikolu 392A(5), jista' jkun interpretat li minkejja li hemm il-possibilita' ta' patteggjament quddiem il-Qrati tal-Magistrati, ma kien hemm ebda tali ftehim u ghalhekk setghet teroga piena diversa;

6. Ghalhekk l-aggravju tal-Avukat Generali kwantu li kien hemm enuncazzjoni zbaljata tal-ligi ma jistghax ikun akkolt ghaliex fejn s-sentenza tirreferi ghall-ammissjoni tal-appellant, dan setgha jsir fi kwalunkwe stadju tal-proceduri, ex artikolu 392A(1) kif fill-fatt sar u ma jidhirx li l-Ewwel Qorti strahet fuq xi forma ta' ftehim dwar il-piena kontra d-dispost tal-artikolu 392A(5), (6) u (7) tal-Kapitolu 9. Dan l-aggravju qed ikun michud;

7. Bhala konsegwenza, u kif gia spjegat supra, stante li l-Avukat Generali ma talabx ghat-tibdil tas-sentenza ex artikolu 419 (1)(c) Kap 9, izda ghat-tahsir taghha, u stante li tibdil fil-piena erogata tista' ssir b'talba ghal-tibdil tas-sentenza u mhux ghat-tahsir, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha;